**10 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Falzon

## Assistenza Legali Quddiem l-Ewwel Qorti - Nuqqas ta' Tali Assistenza - Konsegwenza fl-Appell

*Jekk quddiem il-Qorti Inferjuri l-imputat jitlob għal assistenza legali u din ma tingħatalux, u hu ma jkunx xehed quddiem dik il-Qorti proprju minħabba n-nuqqas ta' tali assistenza, ir-rimedju ma hux li l-proċediment jew is-sentenza jiġu ddikjarati nulli. Il-proċedura ta' l-appell hija intiża, fost ħwejjeġ oħra, sabiex proprju tirrimedja għal nuqqasijiet bħal dawn. In-nuqqas ta' assistenza legali meta espressament mitluba ma tammontax għal nuqqas ta' formalità*

*sostanzjali li ġġib it-tħassir tas-sentenza skond l-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rimedju hu li fl-istadju ta' l-appell l-appellant, jekk jitlob li jitla' jixhed, għalkemm ma jkunx xehed quddiem l-ewwel Qorti, jitħalla jixhed.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba konta Joseph Falzon;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' l-24 ta' Frar, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Falzon minnu ppresentat fit-8 ta' Marzu, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza aktar 'l fuq imsemmija billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabitu ħati u kkundannatu għal priġunerija u ammenda u tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha, u b'hekk jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża u partikolarment il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Mejju, 1994 quddiem din l-Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi deċiżżjoni preliminari fuq il-punt issollevat kemm mill-Qorti kif ukoll mill-abbili difensuri ta' l-appellant fis-seduta tas-26 ta' Mejja, 1994. F'dik is-seduta din il-Qorti stiednet lid-difensuri ta' l-appellant sabiex jgħidu jekk l-appellant għandux xi ilment proċedurali dwar il-fatti kif jirriżultaw mill-verbal a fol. 3

ta' l-atti li jiddeskrivi dak li ġara fl- 24 ta' Frar, 1994. Dak il-verbal jaqra hekk:

**"Meta ssejħet il-kawża dehret il-Prosekuzzjoni u l-imputat.**

**Xehed: Spettur Martin Bayliss**

**Xehed: Spettur Neil Harrison**

**Meta l-Prosekuzzjoni spiċċat tagħmel il-provi tagħha u l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk hux ser jixhed u x'għandu xi jgħid, dan qal li jixtieq lil Dr. Leo Bencini biex jassistih, li, mgħajjat tliet darbiet ma deherx. Posposta.**

**Dr. Leo Bencini ġie mgħajjat kwantità ta' drabi f'diversi ħinijiet u ma deherx.**

**Il-kawża ġiet deċiża."**

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 1994 quddiem dina l-Qorti ġie rreġistrat is-segwenti verbal mid-difiża:

**"Dr. E. Mallia u Dr. G. Caruana Curran jirrilevaw ksur tad-drittijiet ta' l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti *stante* li sprovvist minn konsulent legali li hu indika, il-Qorti minflok staqsiet jekk iridx ikun assistit minn avukat anke *di officio*, għaddiet għas-sentenza.**

**Dr. Emm. Mallia u Dr. G. Caruana Curran ulterjorment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *in vista* tad-dritt leż kif ġà spjegat tiddikjara dan il-proċediment u/jew sentenza bħala null u tieħu dawk il-miżuri li hi jidrilha xierqa fil-ġudizzju superjuri tagħha."**

Il-kwistjoni għalhekk issa devoluta quddiem dina l-Qorti għad-deċiżżjoni hi jekk inkisirx xi dritt jew inkisrux xi drittijiet ta' l-appellant u, jekk fl-affermattiv, x'inhu r-rimedju. Il-Qorti tosserva li fir-rikors ta' appell tiegħu l-appellant ma ilmenta minn

xejn minn dana kollu, u li kienet **din l-istess Qorti** li stiednet lid-difensuri ta' l-appellant biex jgħidu jekk l-appellant għandux xi ilment naxxenti minn dak il-verbal ta' l-24 ta' Frar, 1994. Din il-Qorti għamlet hekk għax frankament tinsab preokkupata bis-sitwazzjoni li temerġi minn dak il-verbal fejn l-imputat, meta jasal il-mument sabiex jiddeċidi jekk għandux jixhed jew le, jitlob għall-assistenza ta' l-avukat u dana l-avukat jibqa' ma jidhirlux. In fatti l-ilment ta' l-appellant, u l-uniku ilment tiegħu, jista' jkun biss li fi stadju partikolari u delikat, ċjoè meta jrid jiddeċidi jekk jiħux il-pedana tax-xhieda jew le, talab għal assistenza legali u din baqgħet ma ngħatatlux, bir-riżultat, li hu ma xehedx. Qabel dana l-istadju ma jirriżultax li l-appellant, allura imputat, talab assistenza legali. Din il-Qorti tapprezza u tifhem is-sitwazzjoni li spiss, jekk mhux addirittura ta' kuljum, jinsabu fiha l-Qrati tal-Maġistrati fis-seduti tad-distretti jew seduti bħal tat-traffiku jew tal-kolliżjonijiet, fejn ikun hemm lista enormi ta' kawżi, kollha imsejħin għad-disgħa ta' filgħodu, u fejn il-Qorti neċessarjament trid timxi b'ċerta speditezza. Sitwazzjoni tixbah xi ftit lil dik odjerna kienet ġiet ikkunsidrata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru, 1991 fil kawża fl-ismijiet **l-Pulizija (Spettur Anthony Borg Cardona) v. Victor Caruana et.**, fejn dik l-Onorabbli Qorti kienet ikkummentat fil-kliem li ġejjin dwar il-prassi li l-kawżi kollha jiġu msejħin għad-disgħa bil-konsegwenza li l-avukati tal-kawżi li ma jkunux minn ta' l-ewwel fuq il-lista jibdew jillargaw u jistgħu jillargaw fil-mument ħażin jew ma jkunux preżenti fl-aktar mument, jew f'xi mument, importanti biex jassistu lill-klijenti tagħhom meta l-kawża tissejjaħ:

**"Il-Qorti tirrikonoxxi illi din il-prattika hija minnha nnfisha u tista', <u>f'ċirkostanzi kongruwi</u> twassal għal konsegwenzi ġuridiċi serji ...... il-Qorti tissimpatizza**

**vivament ma' dawna l-ilmenti ta' l-avukat difensur, u kif intqal din il-proċedura li ormaj hija tradizzjonali fil-Qrati, hija disordinata, frustranti u fuq kollox - kif intqal - hija riskjuza - u aleatorja għall-aħħar billi issegwi itinerarju ta' proċediment li jirrażenta l-preċipizzju ta' l-inġustizzja proċedurali. Hafna drabi dan il-proċediment jiżloq, imma ma jippreċipitax, u għalhekk, b'xi mod, wara ż-żelqa jerga' jkun hemm qawmien, it-triq it-tajba terġa' tinqabad u kollox jiġi salvat. Imma r-riskji qegħdin hemm. Dan huwa gravi, u l-ġudikanti għandhom jirriflettu serjament u jaraw li għandhom l-obbligu li dak kollu li huwa proċeduralment aleatorju jiġi evitat."**

F'dak il-każ il-Qorti kostituzzjonali ma kienet sabet xejn x'tiċċensura fl-operat ta' l-ewwel Qorti minkejja li għal parti sostanzjali mill-kawża l-avukat difensur, imsejjaħ diversi drabi, baqa' ma deherx u l-kawża bdiet tinstema' mingħajru. Fil-każ odjern, però, din il-Qorti tifhem li l-imputat ma telax jixhed proprju għax kien sprovvist minn avukat. Issejjaħ l-avukat tiegħu u dana baqa' ma deherx. Il-kawża ġiet posposta. Reġa' ssejjaħ l-avukat u reġa' ma deherx. Din il-Qorti mhix ser tikkummenta dwar x'passi setgħet tieħu dik il-Qorti fiċ-ċirkostanzi peress li, evidentement, ma tafx għala l-Avukat Bencini baqa' ma deherx. Jibqa', però, l-fatt li f'dak il-mument kruċjali l-imputat espressament talab assistenza legali u baqgħet ma ngħatatlux;

Ir-rimedju għal dina s-sitwazzjoni, kif taraha l-Qorti, mhijiex li l-proċediment jew is-sentenza jiġu ddikjarati nulli. Il-proċedura ta' l-appell hija intiża, fost ħwejjeġ oħra, sabiex proprju tirrimedja għal nuqqasijiet bħal dawn. In-nuqqas ta' assistenza legali meta espressament mitluba ma tammontax għal nuqqas ta' formalitá sostanzjali li ġġib it-tħassir tas-sentenza skond l-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali. Ir-rimedju hu li f'dana l-istadju ta' appell

l-appellant, jekk jitlob li jitla' jixhed, għalkemm ma xehedx quddiem l-ewwel Qorti, jitħalla jixhed. Fil-fehma ta' dina l-Qorti l-artikolu 424 (a) tal-Kap. 9 jikkontempla ukoll is-sitwazzjoni fejn l-appellant jiġi ostakolat milli jipproduċi xhieda, inkluż lilu nnifsu, quddiem il-Qorti inferjuri;

Għall dawna l-motivi din il-Qorti tiċħad it-talba ta' l-appellant sabiex il-proċediment u/jew is-sentenza jiġu ddikjarati nulli però tawtorizza lill-appellant li jixhed fl-istadju opportun jekk hu hekk jagħżel;

Il-Qorti fl-aħħar nett tagħmilha ċara li dina d-deċiżżjoni hi marbuta mal-fatti partikolari u speċifiċi ta' dana l-każ u ma għandha b'ebda mod tiftiehem bħala l-bidu ta' xi prassi li biha n-nuqqasijiet ta' l-avukati difensuri quddiem il-Qrati inferjuri ser jibdew jiġu ssanati quddiem dina l-Qorti, anke meta tali nuqqasijiet jistgħu jippreġudikaw jew fil-fatt ikunu ppreġudikaw lill-klijenti tagħhom;

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża.